# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1679

KAZ Nru. 2264/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Michael Carabott 170042(M)
u
AX Construction Limited u A.X.Holdings Limited ghal kull interess li jista' jkollha

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Illum il-Hamis 2 ta' Marzu 2006

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Michael Carabott mill-Avv. Dr Owen Bonnici LL.D. fejn qieghed jghid illi t-tkeccija mill-impieg kienet ghal ragunijiet ingusti skond il-ligi.

Is-Sur Michael Carabott, li kien assistit mill-Avv. Dr Owen Bonnici LL.D., aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant. Ghas-socjeta appellata aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta deher is-Sur Tonio Farrugia, *Group Administration Director,* assistit mill-Avv. Dr Patrick J. Galea LL.D.

It-Tribunal zamm hames seduti.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellant beda jahdem mas-socjeta fis-17 ta' Mejju 2004 fuq kuntratt indefinit fil-kariga ta' *watchman.* Kellu struzzjonijiet li jahdem fil-hinijiet ta' bil-lejl f'*shift* ta' *one day in* u *one day out*, waqt li fi'tmiem il-gimgha jahdem tlett ijiem fuq xulxin matul il-lejl, jigifieri l-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd bil-lejl.

Illi ta' dan ix-xoghol hu, bhall-*watchman* l-iehor li kellu l-istess impieg, kien jithallas Lm36 fil-gimgha. Illi l-appellant meta dakinhar tax-xoghol kien jinserta gurnata festa, ma kienx jithallas zejjed ta' dan skond ma titlob il-ligi. Illi fid-9 ta' Awissu 2004 is-socjeta kienet naqqset il-hin tax-xoghol ta' l-appellant minn 118-il siegha kull hmistax ghal 113 il-siegha kull hmistax u kif ukoll is-socjeta riedet tnaqqas l-ammont ta' *leave* ta' l-appellant b'sitt sieghat kull hmistax. Illi skond il-ligi impjegat ma jistax jahdem iktar minn 96 siegha kull hmistax u ghaldaqstant l-appellant kien qed jahdem ammont ta' sieghat oltre dak li titlob il-ligi. Illi f'Novembru 2004 l-appellant mar id-Departiment ta' l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali biex jiehu parir dwar dan il-fatt u intqal lilu li l-appellant kellu jahdem 96 siegha biss fi-hmistax, kellu jithallas *extra* ta' festi pubblici, kellu jlithallas *extra* ta' meta l-appellant kien jidhol jahdem fil-gurnata li kien ikun *day out* u li s-socjeta ma setghetx tnaqqas mill-*leave* ta' l-appellant.

Illi wara li l-appellant inghata dan il-parir, sew l-appellant kif ukoll l-Ufficjal tad-Departiment ta' l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industriljali gibdu l-attenzjoni tas-socjeta dwar in-nuqqasijiet li kienu qed isiru *vis-à-vis* il-ligi.

Illi minkejja li r-rikorrenti talab li jinghata hlas biex jaghmel tajjeb ghas-sieghat li kienu nhadmu imma li pero qatt ma thallas skond il-ligi, is-socjeta baqghet ma riditx thallsu.

Illi fil-5 ta' Jannar 2005 ghall-habta tal-11.00 p.m. il-Manager Michael Mifsud gie flimkien ma' *watchman* iehor u ordnalu biex jitlaq minn fuq ix-xoghol.

Illi matul ix-xhur li kien jahdem mas-socjeta, ir-rikorrenti qatt ma nghata *warning* jew twissija u qatt ma kellu kwistjonijiet jew incidenti mad-dirigenti ghajr il-kwistjoni *de quo* relatata mal-hlas.

Illi ghat-8 ta' Marzu 2005 tliet xhur wara t-tkeccija mill-impieg tar-rikorrenti, is-socjeta hallset parzjalment id-differenza fis-sieghat.

Illi jidher car li r-rikorrenti tkecca mill-impieg ghal raguni mhux gusta skond il-ligi.

Is-socjeta tghid li l-appellant qatt ma kien impjegat ma' jew kellu xi relazzjoni ma AX Holdings Limited.

Illi l-appellant kien gie impjegat ma' AX Construction Limited bhala "*night watchman*" b'sehh mit-8 ta' Gunju 2004, kif jixhed id-dokument 14417 mahrug fl-10 ta' Lulju 2004 mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig.

L-impieg ta' l-appellant gie mitmum b'sehh mis-6 ta' Jannar 2005. Fiz-zmien qabel ma gie tterminat l-impieg ta' l-appellant, AX Construction Limited kellha zewg impjegati ohra maghha bhala *"night watchmen"* Emanuel Falzon li kien ilu impjegat mal-kumpanija mill-11 ta' Mejju 2002 u Carmelo Grech li kien ilu impjegat mit-18 ta' Gunju 2002.

Carmelo Grech kien ikun ghassa fuq il-lant ta' Hal-Far, fil-progett tal-fabbrika ta' Hal-Far Industrial Limited. Gara izda li f'Jannar 2005, il-klijent iddecieda li jipprovdi s-servizz ta' *watchman* tieghu stess, b'rizultat li AX Construction giet b'*watchman* zejjed. Dan huwa ddokumentat fil-minuti mahruga mill-perit tal-klijent, il-Perit Wallace Farrugia, tas-*site meeting* numru 22, li sar fl-4 ta'Jannar 2005, u li, taht it-titlu *"Security Services".*

Jinghad ukoll li l-appellant kien ilmenta dwar l-ammonti dovuti lilu bhala hlas ta' pagi matul iz-zmien li kien impjegat. L-iskrivan inkarigat mill-pagi kien ivverifika mad-Departiment ta' l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, rega hadem il-pagi skond l-istruzzjonijiet mill-*enforcement officer* tad-department. Dan kien jirrekjedi aggustament ta' Lm427.98 li kien thallas permazz ta' cekk numru 9385. L-appellant kien accetta bhala hlas ghas-saldu ta' kulma kien dovut lilu mill-imsemmi mpieg, u permezz ta' ricevuta kien ikkonferma li ma kien baqaghlu ebda pretensjoni ohra kontra is-socjeta AX Construction Limited.
Ghalhekk it-tkeccija ma kienetx wahda ingusta.

**Xhieda fil-qosor**

Xhud Perit Wallace Farrugia qal illi hadem fuq kuntratt ta' AX Construction Limited li huwa progett ta' fabbrika gewwa Hal-Far liema xoghol ghadu ghaddej, spiega illi obligaw lill-kuntrattur biex ikollu *security* izda peress li kienu dehlin kuntratturi ohra aktar tard ma kienx jghamel sens li *security* ta' kuntrattur wiehed ikun responsabbli fuq affarijiet ohrajn. Zammew id-dritt li jitterminaw il-*watchman* fuq is-*site* ghax il-klijent tieghu qabbad kumpanija professjonali tas-*security.* Il-klijent tieghu huwa kumpanija Spanjola "Medichem."

Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellant jekk jafx min kien il-*watchman,* qal li huwa ma jkunx jaf min kien il-*watchman.*

Xhud is-Sur Michael Mifsud, *Construction Manager AX Construction Limited,* qal illi huma kellhom arrangement li jipprovdu s-servizz ta' *watchman* sa kemm il-kumpanija tiddeciedi li ggib is-*security* taghha. Qal illi l-klijenti xtaqu jitterminaw is-servizz tas-*security.* Is-servizz li kienu jipprovdu kien bil-lejl biss u huma xtaqu li jaghmlu *security* 24 siegha spejjez taghhom. Wara staqsew l-ufficcju min kien l-ahhar li dahal bhala *security* u nfurmawhom li kien l-appellant u waqfu lilu ghax ma kienx fadallhom xoghol ghalih. Qal illi huma kienu se jwaqqfuh xorta ghax

kien mar fis-*site* u ma sab lil hadd, mar it-tieni darba u ma kien hemm hadd, it-tielet darba mar gieb ic-cavetta, dahal u sabu rieqed.

Xhud is-Sur Tonio Farrugia, *Group Administration Director u Company Secretary ta' AX Construction Limited u AX Holdings :Limited,* qal illi jikkonferma li l-appellant kien impjegat ma AX Construction Limited u ma kellu ebda relazzjoni ma AX Holdings Limited, beda jahdem fit-8 ta' Gunju 2004.

Xhud is-Sur Robert Chetcuti, jahdem fl-accounts ta' AX Holdings fil-Construction Division, qal li kien involut fil-bilanc li kellu jiehu. Il-bilanc li kienu qalulu li kien *in full and final settlement* ghal bidu ma kienx accettah, kien cempillu gurnata minnhom u qallu li accetta l-ammont u ovvjament iffirmalu dikjarazzjoni li ma ghandux aktar talbiet lejn il-kumpanija.

Xhud is-Sur Edwin Mallia, *Senior Executive ETC,* qal illi skond il-history tal-appellant beda jahdem ma AX Construction Limited bejn it-8 ta' Gunju 2004 sas-6 ta' Jannar 2005 u li kien impjegat bhala *watchman.*

Xhud is-Sur George Xuereb, *ex-Construction Manager* ma' *AX Construction Limited,* qal kien jiehu hsieb ix-xogholijiet u mhux il-haddiema.

Xhud l-appellant qal illi ma kienx rieqed. Dakinhar il-*foreman* hadlu l-*lock* tac-cwievet u qallu biex jibdlu l-katnazz tal-*gate*. Xtraw katnazz iehor u tah cavetta minnhom u ha c-cwievet l-ohra. Ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl waqt li kien qed jiehu te u kien diehel fil-kamra l-ohra biex igib il-halib ra ma wiccu lil Michael Mifsud, *General Manager* u iehor mieghu. Qallu *"ilbes iz-zarbun u itlaq min issa"* Riedu jitlaq fil-hdax ta' bil-lejl meta ma ghandux *transport*.

Dwar l-ittra li ffirma meta ha l-flus wara li tkecca qal illi kien ilu hafna jitlobhom biex ihalsuh. Wara hafna li kien ilu jistaqsihom qalulu li lesti li jtuh Lm427.98c. Qal illi skond hu meta ghamel il-kont ta' dak li kellu jithallas, li huma *leave* u festi

li ma kienux hallsuh u *extra hours* li kien ghamel. Minhabba li kellu bzonn il-flus accetta li jiehu s-somma li offrewlu imma qallhom, *"jien dawn se naccetthom izda ghad fadlilkom x'ittuni"* ghaluh jiffirma fuq karta biex jaghtuh ic-cekk ta' Lm427.98c u qalulu, *"dan huwa final settlement"* Talabhom ta' xhiex halsuh izda ma riedux ituh infurmazzjoni ta' xhiex hallsu.

Xhud is-Sur George Camilleri, Spettur fis-sezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xoghol tad-departiment, qal illi d-departiment kien ircieva *complaint* minghand l-appellant fit-23 ta'Novembru 2004. Kien mar jinvestiga s-socjeta u tkellem mas-Sur Robert Chetcuti dwar il-hlas li l-appellant irraporta li ma kienx thallas tal granet ta' festi li kienu kkontestati li ma thallsux u xi *overtime.* Is-Sur Chetcuti kien qallu illi hu ma kellux x'jaqsam direttament u rreferieh ghand is-Sur Glenn Grima. Ix-xhud qal illi s-socjeta nfurmawh illi tkecca fuq kwistjoni ta' *redundancy*.

**Noti ta' osservazzjonijiet**

Is-socjeta tghid illi t-terminazzjoni ta' l-appellant kienet fuq bazi ta' *redundancy* u mhux a bazi ta' tkeccija kwalunkwe riferenza ghall-incident ta' irqad ghandu jitqies fil-kuntest illi d-decizjoni ta' terminazzjoni fuq bazi ta' *redundancy* kienet diga ittiehdet.

Tghid ukoll illi l-Perit Wallace Farrugia huwa xhud indipendenti meta qal fix-xhieda tieghu li l-klijenti tieghu, l-investitur Spanjol u is-*service Company* ta' Hal Far Industrial Estate kienu diga hadu d-decizjoni li jitterminaw l-impieg ta' l-appellant fuq bazi ta' *redundancy* billi kien ikkommunika l-intenzjonijiet tieghu fl-4 ta' Jannar li allura s-sitwazzjoni ta' l-appellant kienet diga deciza bhala *redundant*.

L-appellant jghid illi r-raguni ta' tkeccija mill-impieg tieghu kienet l-allegat agir hazin tieghu f'gurnata partikulari f'Jannar 2005 waqt li r-rikorrent kien fuq il-post

tax-xoghol. Dakinhar kien mar fuq il-post is-Sur Michael Mifsud, *Construction Manager,* skond ix-xhieda tieghu li wara li ttawwal ghal darba darbtejn u ra li ma kien hemm hadd ghassa mal-lant, huwa mar igib ic-cavetta u flimkien ma' certu Alfred dahal fin-naha ta' gewwa tal-lant u allegament sab lill-appellant rieqed fl-ufficcju, qajmu u qallu car u tond, *"mar rridekx hawn aktar".* L-appellant isostni illi dan l-incident sehh qabel mas-socjeta tterminat l-impieg tieghu fuq il-bazi ta' *redundancy*.

Min naha tieghu l-appellant jirrakkonta verzjoni ohra tal-fatti minn kif qalha s-Sur Michael Mifsud dwar il-kwistjoni tar-irqad fuq ix-xoghol. Jghid illi fil-hdax ta' bil-lejl kien qieghed fuq il-lant jiehu bela te u kif dahal f'kamra ohra biex igib il-halib sab ma wiccu lis-Sur Michael Mifsud ma persuna ohra u qallu, *"ilbes iz-zarbun u itlaq minn issa"* L-appellant qatt ma kien ircieva *warning* mis-socjeta appellata.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant kien impjegat bhala *watchman* mas-socjeta appellata, dahal jahdem fis-17 ta' Mejju 2004 u tkecca mill-impieg fis-6 ta' Jannar 2005. Is-Sur Michael Mifsud, *Construction Manager AX Construction Limited,* qal illi s-socjeta appellata kellha arrangamenti li huma jipprovdu s-servizz ta' *watchman* sa kemm il-kumpanija tiddeciedi li ggib is-*security* taghha. Din il-kumpanija li l-fabrika taghha kienet ghada qed timbena decidiet li tittermina s-servizz ta' *watchman* biex taghmel is-*security* taghha.

F'dan il-lant kien hemm zewg *watchmen* l-appellant ma kienx wiehed minnhom. Gara illi meta staqsew lill-ufficju min huwa l-ahhar wiehed min fost il-*watchmen* qalulhom li kien l-appellant u huma waqfu lill-appellant ghax ma kienx ghad fadlilhom xoghol ghalieh. Qal illi meta kien mar jittawwal fis-*site* fejn kien jahdem l-appellant ma kien hemm hadd, rega mar jittawwal u rega ma kien hemm hadd, mar it-tielet darba u mar gab ic-cwievet dahal u sab lill-appellant rieqed. Mieghu

kien mar haddiehor bl-isem ta' Alfred il-kuljom ma hux maghruf jahdem maghhom bhala *general helper.* Dak il-hin is-Sur Mifsud qal lill-appellant, *"ma rridekx iktar hawn"*

Minn dak li qal is-Sur Michael Mifsud johorgu zewg suggetti, l-ewwel li kienu se jwaqfuh ghax ma kellhomx xoghol ghalieh u kien l-ahhar wiehed u t-tieni illi meta mar jittawwal fis-*site* sabu lill-appellant rieqed u qallu, *"ma rridekx iktar hawn"* L-appellant minn-naha tieghu jghid illi meta mar is-Sur Mifsud fis-*site* fil-hdax ta' bil-lejl kien qed jiehu bela te u appena dahal fil-kamra biex igib il-halib sab ma wiccu lis-Sur Mifsud u dan qallu, *"ilbes iz-zarbun u itlaq minn issa"*

It-Tribunal jara illi s-socjeta ma resqitx ghal provi lil Alfred li kuljomu mhux maghruf bhala l-uniku persuna li kien prezenti skond kif intqal fix-xhieda. Jibqa izda il-verzjonijiet tas-Sur Mifsud u ta' l-appellant li huma zewg verzjonijiet ghal kollox differenti hlief ghal kliem *"itlaq minn hawn issa"*

Is-socjeta ittenni illi l-appellant spicca mill-impieg tieghu ghax kien *redundant*. Ma jirrizultax li l-appellant kien gie infurmat la bil-kitba u l-anqas verbali li hu *redundant.* Kien il-kaz ta' meta s-Sur Mifsud mar fis-*site* bil-lejl u qal li sab lill-appellant rieqed u keccieh mill-impieg dak il-hin stess illi l-appellant sar jaf li tilef l-impieg tieghu. Gie sollivat ukoll mill-appellant illi ghad ghandu hlasijiet pendenti mas-socjeta appellata liema hlasijiet jippartienu ghal xoghol li sar f'hinjiet barra mill-hin ordinarju tieghu. Ghandu ghalhekk jinghad illi dan il-punt ma hux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-istqarrija tal-kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant kienet wahda ingusta u mhux sufficjenti.

Ghaldaqstant l-appellant ghandu jinghata kumpens fis-somma ta' mitejn u tminja u tmenin liri Maltin (Lm288). Dan il-kumpens irid jigi illikwidat mhux aktar tard minn tliet gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**